**5 ta' Awissu, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Anthony Camilleri

*versus*

Carmen Camilleri

**Patria potestà — Minorenni — Tfal — Kustodju ta' — Interess ta' — Sentenza estera.**

*Sentenza estera dwar il-kustodja tat-tfal ma tingħatax effett meta ma kelliex esekuzzjoni hawn Malta u meta kienet ġiet segwita mir-rikonċiljazzjoni tal-ġenituri.*

*Il-Qorti ma tistax tidħol fil-kwistjoni tal-aħjar interess tat-tifel meta ma jkunx hemm pendenti kawża ta' separazzjoni personali u għandha tordna li dan jiġi ritornat lill-missier.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur wara li jippremetti illi fit-23 ta' Lulju, 1963, meta t-tifel Carmelo sive Charles Camilleri kien l-M.U.S.E.U.M., ta' tas-Sliema għat-tagħlim tal-katekiżmu, il-konvenuta ħadet lill-istess tifel u żammitu magħha abusivament u kontra r-rieda tal-istanti; u illi l-istanti għandu d-dritt għall-kura tat-tifel għaliex għandu l-patria potestà fuq l-istess tifel; u illi lanqas hu fl-interess tat-tifel li jkun mal-konvenuta; — jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenuta tiġi kundannata tirritornalu t-tifel minuri Carmelo sive Charles Camilleri fi żmien qasir u perentorju taħt dawk il-provvedimenti li jogħġobha tagħti dina l-Qorti; salv kull azzjoni oħra spettanti lill-attur. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha teċċepixxi illi jkun aħjar fl-interess tat-tifel minuri Charles li huwa jibqa' taħt il-kura tagħha. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenuta;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, li biha teċċepixxi illi b'sentenza tat-30 ta' Marzu, 1960, Tribunal Awstraljan affida l-kustodja tat-tifel f'idejn il-konvenuta; illi hi preparata li jekk jingħatalha żmien li ġġib mill-Awstralja s-sentenza relativa. Għalhekk independentement mill-kwistjoni tal-patria potestà darba li l-kustodja tat-tifel ġie minn tribunal kompetenti fdata lil omm, l-effetti tas-separazzjon bejniethom u tar-rikonċiljazzjoni li saret ma jwaqqgħux l-effetti tal-kustodja tal-Qorti kif ordnati minn Tribunal kompetenti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta;

Semgħet lil-kontendenti bil-ġurament;

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta li t-tifel indikat fiċ-ċitazzjoni twieled minn żwieġ bejn il-kontendenti u għandu 7 snin; li l-istess kontendenti huma separati de facto min xi tliet ġimgħat u l-konvenuta qabdet u ħadet magħha t-tifel imsemmi ad insaputa u kontra l-volontà ta' l-attur, missieru, u li meta dan għamel minn kollox biex jieħdu għandu ma setax jagħmel hekk għaliex, il-konvenuta nħbiet mat-tifel, appunta, biex l-attur ma jkunx jista' jieħdu;

Illi ingħad li l-kontendenti huma separati "de facto". In-

fatti, għalkemm il-konvenuta tallega li kien hemm bejniethom kawża ta' separazzjoni personali, hi tirrikonoxxi mhux biss li s-sentenza relativa minnha allegata ma ġietx u ma kelliex esekuzzjoni f'dawn il-Gżejjer, imma wkoll li minn disa xhur qabel ma hi ħalliet id-dar ta' żewġha, xi tliet ġimgħat ilu kif ingħad, hi kienet tgħix regolarment ma' żewġha, ċioè li wara l-aġġelata separazzjoni personali kien hemm rikonċiljazzjoni bejnha u l-attur. Il-kontendenti reġgħu sseparaw ruħhom "de facto" biss dan l-aħħar.

Illi din il-kawża għandha tiġi deċiża in bażi tal-prinċipju li jirregolaw l-materja in ispeċi kif stabilit fil-ġurisprudenza (Vol. XXXVI, i, 179, 212). Mhux f'kuntrast li t-tifel imsemmi huwa leġittimu tal-kontendenti, u bħala tali għandu ikun, u huwa, soġġett għall-patria potestà ta' l-attur bħala missier, billi ma jirriżultax li skond il-liġi din il-patria potestà ta' l-attur fuq dan it-tifel spiċċat. Huwa żgur li l-konvenuta mhix investita mil-liġi, minn ebda attribut ta' patria potestà fuq it-tifel minuri msemmi. Huwa veru li l-kontendenti huma separati "de facto", imma l-liġi ma tirrikonoxxix din is-separazzjoni: bis-separazzjoni bejn il-ġenituri l-missier ma jitlifx id-drittijiet tiegħu tal-patria potestà fuq uliedu. Għalhekk ma' hemmx lok għall-ebda provvediment dwar it-tifel, bħala jingħata fil-każ ta' pendenza jew deċiżjoni tal-kawża ta' separazzjoni, fejn il-Qorti, meta jkun il-każ, tipprovdi fl-interess ta' l-istess tifel dwar il-kustodja u l-kura tiegħu, kwindi a parti l-fondatezza o meno tagħha, ir-raġuni addotta mill-konvenuta, ċioè li mhux fl-interess tat-tifel imsemmi li jkun taħt il-kustodja ta' l-attur, mhix pertinenti u rilevanti għall fini tal-meritu ta' din il-kawża, fis-sens li anke jekk fondata l-istess raġuni ma tiġġustifikax lill-konvenuta, almenu f'din il-kawża li tieħu taħt idejha mill-patria potestà ta' l-attur, kontra l-volontà ta' dan, it-tifel imsemmi; konsegwentement l-attur għandu d-dritt jirrikjama lit-tifel tiegħu ndikat fiċ-ċitazzjoni, u l-konvenuta għandha tibgħat lura l-istess tifel għand l-attur missier.

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċiedi adeżivament għad-domanda, billi tikkundanna lill-konvenuta tirritorna lill-attur it-tifel minuri Carmelo sive Charles Camilleri, fiż-żmien perentorju ta' jumejn, u f'każ li l-konvenuta tonqos li tagħmel hekk fiż-żmien li ġie prefiss, l-attur ikun jista' jeħu t-tifel tiegħu mingħand il-konvenuta billi jinqeda bl-assistenza tal-Marixxal ta' dawn il-Qrati, li jibqa' awtorizzat jinqeda bil-mezzi li ttih il-liġi, jieħu mill-poter tal-konvenuta t-tifel imsemmi. L-ispejjeż tħallashom il-konvenuta.